MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2008

Numru 191/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Pace**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Pace bin Emanuel u Mary nee' Borg imwieled fis-27 ta' Gunju 1962(I.D. Nru 432562M), talli nhar id-9 ta' Ottubru 2007 ghall-habta tat-3.30pm u fil-hinijet ta' qabel, f'ghelieqi maghrufa bhala ta' Belin fi Triq Trux, Gharb, Ghawdex (1) bi hsara tas-sid jew ta' detentur ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta' ta' haddiehor bi ksur ta' l-Artikolu 340(d) tal-Kodici Kriminali u aktar (2) talli hedded bi kliem lit-tifel Clayton Pace;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-5 ta' Gunju 2008 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imsemmi Carmel Pace mit-tieni imputazzjoni migjuba

kontra tieghu izda sabitu hati skond l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu multa ta' tletin Euro (€30);

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Carmel Pace, minnu pprezentat fit-18 ta' Gunju 2008, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu wiehed semplici. Hu jikkontendi li ma wettaq ebda vjolazzjoni ta' proprjeta'. Din il-Qorti, pero', wara li semghet l-uniku xhud f'dan il-kaz u cioe' lil Grace Pace (il-prosekuzzjoni f'din l-istanza rrinunzjat ghax-xhieda ta' Joseph Formosa u Michael Formosa li kienu ddeponew quddiem il-Qorti Inferjuri) hi sodisfatta li l-ewwel qorti kienet korretta meta waslet biex sabet lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni. In fatti jirrizulta li ghalkemm din ix-xhud u hutha kienu ghamluha cara lill-appellant li hu ma kellux jidhol fl-ghalqa in kwestjoni li hi proprjeta' taghhom, dan xorta ghamel ta' rasu u dahal f'din il-proprjeta' biex jonsob fid-data u fil-hin indikati fl-ewwel imputazzjoni.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------